MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 605/2012

**John Zarb**

**Vs**

**Alfred sive Alfie Manduca**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Settembru, 2012 fejn l-attur talab prevja d-dikjarazzjoni li l-attur kien strumentali sabiex sehhet l-introduzzjoni u l-eventwali kontrattazzjoni ta’ lokazzjoni bejnek u l-atwali kerrej tieghek John Lowell jew ta’ socjeta’ li maghha ghandu x’jaqsam l-istess Lowell, tal-fond propjeta’ tieghek li ggib in-numru Triq Repubblika Valletta, u ghalhekk ghala ma ghandekx tigi kkundannat thallsu dik is-somma li tigi likwidata minn dan it-Tribunal bhala l-kumpens ekwu u gust, li ma jeccediex il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal, in via ta’ kumpens ghas-servizzi minnu rezi fl-interess tas-success ta’ dina l-kontrattazzjoni;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ zewg ittri legali mibghuta lill-konvenut li minn issa jibqa’ ingunt ghas-subizzjoni tieghu.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-esponenti ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma’ l-attur;
2. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt wkoll billi mhuwiex minnu illi l-attur kien strumentali u jew kellu xi sehem fl-introduzzjoni ta’ l-esponenti u john Lowell jew ma’ xi kumpannija li maghha ghandu x’jaqsam John Lowell;
3. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt wkoll billi mhuwiex minnu illi saret xi kontrattazzjoni ta’ lokazzjoni bejn l-esponenti u John Lowell jew ma xi kumpanija li maghha ghandu x’jaqsam John Lowell;
4. Illi t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt wkoll billi l-esponenti qatt ma inkariga lill-attur jipprestalu xi servizzi u l-attur lanqas tah xi servizz, kif minnu allegat, u fl-ebda moment ma kien hemm xi intromissjoni da parti ta’ l-attur u di piu’ l-attur ma laqqax xi kunsens biex giet konkluza xi lokazzjoni u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
5. Salv risposta ulterjuri.

Xehed l-attur fejn spjega illi kien qed iffittewx hanut fil-Belt u sab wiehed wara li avvicina lis-sensar certu Gorg. Pero l-post ma kienx adattat u ma kienx hadu. Sid dan il-hanut kien il-konvenut. Fis-sena 2012 l-attur kellu meeting mal-konvenu u staqsih jekk il-hanut kienx rega ghall-kiri u talbu jistax jarah u jintroducieh ma hatnu li kien jaf xi Taljani li xtaqu jifthu hanut il-Belt. Filfatt qallu iva u l-attur informa lill-hatnu. Xahar wara hatnu nformah illi t-Taljani kienu krew il-hanut. Wara sar jaf illi s-senserija thallset lil certu Gorg li ma kien dahal xejn fin-negozju.

Xehed John Lowell li huwa d-Direttur tal-Kumpanija Campo Marzio Design Limited u spjega illi kien thallas mill-attur fejn urieh ix-xewqa illi li jiftah hanut fi

Triq ir-Repubblika l-Belt. L-attur infurmah li kien jaf b'wiehed u  qallu li dan il-hanut kien tal-konvenut Manduca. Ix-xhud cempel lil konvenut u ghamel appuntament mieghu biex jara l-hanut. Jghid illi fuq senserija ma tkellmux izda din inqalghet meta waslu biex jiffirmaw il-kuntratt. Il-konvenut infurmah illi hu kien ser ihallas senserija lil xi hadd li ma kienx l-attur. Pero dan ix-xhud irrifjuta li jhallas senserija la lil dan ix-xhud u  lanqas lill-attur.

Il-konvenut fl-affidavit tieghu ikkonferma s-sekwenza tal-fatti kif diga xehedhom l-attur u kkonferma li meta John Lowell cempel ghal hanut cempel hu stess u kien mar il-konvenut jiftahlu l-hanut. L-attur ma kienx prezenti. L-atutr lanqas kien prezenti ghall-kuntratt.

mix-xhieda kollha prodotti hareg car il-fatt illi minkejja li l-atur qed jitlob senserija dan ma kienx imdahhal fil-process kollu tan-negozzju sabiex intlahaq ftehiem. Kull ma kien involut kien fil-bidu meta staqsa lil konvenut il-hanut kienx ghadu available u informa b'dan lil hatnu u  zmien wara li meta gie nfurmat illi l-kuntratt gie konkluz.

B'dan il-mod jidher car illi l-attur ma kienx strumentali ghal din il-kirja u ghalhekk ma jezentax l-elementi biex ikun jista' jitlob is-senserija.

Ghal dawn ir-ragunijiet u motive it-Tribunal jichad it-talba tal-attur.

Spejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-attur.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------